Ref Nru: 42

Il-minuti tat-tnejn erbghin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 13 ta’ Mejju 2011, fis-6:00 ta’ filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg. |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri. |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg.<br>Victor Grech.<br>Jesmond Borg. |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta’ talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Ghazla ta’ skrivan (skala 15).**

2.1 Is-Sindku semma li saret sejha ghal vakanza ta’ skrivan (skala 15) fuq il-gazzetti lokali kollha. Huwa semma li applikaw 26 persuna. Nhar it-Tlieta 26 t’ April 2011 saru l-intervisti mill-bord li gie mahtur u li kien maghmul mill-Kunsillier Victor Grech, mis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, minn Kevin Sciberras ex-Vici Sindku u ex-Kunsillier tal-Kunsill Lokali Qala u Kunsillier mill-Kunsill Lokali Rabat Joe Debrincat. Persuna wahda biss ma attendietx ghall-intervista. Is-Sindku semma li saret *shortlisting* ta’ sitt persuni u li dan ix-xoghol ser ikun b’kuntratt ta’ tlett snin u wara jerga jiggedded ghal tlett snin ohra izda wara sena jaqa`. Semma wkoll li ser ikun hemm *probation period* ta’ sitt xhur. Il-Kunsillier Victor Grech semma li l-applikanti kollha kellhom il-kwalifiki mehtiega u li kien hemm ohrajn li kienu wkoll *overqualified*. Huwa semma li waqt l-intervista kollha gew informati li ser ikunu b’kuntratt ta’ tlett snin u li jista` jkun li jridu jahdmu s-Sibt. Huwa semma li l-bord ghazel lil Brian Cutajar li joqghod 8a, Triq il-Mithna il-Qadima, Nadur. Saret diskussjoni li hadet ftit fit-tul dwar l-ghazla li ghamel il-bord u wara gie deciz li jigi maghzul Brian Cutajar.

3 Is-Sindku semma li huwa jixtieq issemmi xi materji ohra li huma dawn li gejjien:

3.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ta’ l-attivitajiet ghall-okkazzjoni ta’ Jum il-Qala 2011. Il-Kunsill qabel ma dan il-programm. Kopja ta’ dan il-programm gie anness ma dawn il-minuti.

3.2 Huwa ta’ spejgazzjoni qasira dwar ix-xogholijiet li qed isiru bhalissa fuq il-progetti li qed isiru mill-Kunsill li huma l-*picnic area* li hija parti mill-progett ta’ gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta’ Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala li huwa kwazi lest, xogholijiet li qed isiru bhalissa fuq s-sala tal-kommunita` fic-Centru Civiku u r-restawr tal-Fortizza ta’ Sant Antnin u x-xoghol ta’ fuq bini li jinsab fi Triq it-28 t’April 1688 li ser jigi konvertit f’Muzew Folkloristiku li ghadu kif nghata bidu ghalih.

Il-laqgha ntemmet fit-7:00 ta’ fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 8 ta’ Lulju 2011.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |